**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Elliott Magro**
**vs**
**Rachele Vella**

**Distrett Hamrun**

**Illum 18 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Rachele Vella detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0010692M;

Kif ukoll lil ommissis;

Billi huma akkuzati talli matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Marzu, 2016 u x-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'isimhom personali kif ukoll bhala licencee', diretturi, managers, segretarji, persuni li kienu jidhru li qed jagixxu f'kariga cioe' ta' Home Manager u Head of Care fi Fra Diegu Home, jew sid tal-post m'ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil ta' diversi reati b'dan illi:

1. Matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Marzu, 2016 u x-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw griehi ta' natura gravi, serjatament, hsarat psikologika u/jew hsara ohra li ggib maghha l-konsengwenzi msemmija f'Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq il-persuni tal-minuri Justine Agius, Rita Agius, Marina Xuereb, Tara Xuereb u Dione Xuereb u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(a), Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll matul l-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bhala persuni responsabbli ta' tfal ta' taht it-tnax-il sena u b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil, haqru lit-tfal jew gieghlu jew ippermettew l-mohqrija tat-tfal b'mezzi t'abbandun, esposizzjoni u/jew b'mezzi, simili u dan bi ksur tal-Artikolu 247A(1), Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll matul l-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer traskuraw lit-tfal fil-bzonnijiet taghhom ta' nutrizzjoni adegwata, ta' lbies adegwat, ta' kenn adegwat u ta' protezzjoni adegwata biex ma tigrilhomx hsara, li persistentement offendew id-dinjita' u l-karattru tat-tfal b'mod gravi u li persistentement imponew fuq it-tfal xoghol mhux adattat ghall-eta' taghhom jew xoghol fiziku iebes u dan bi ksur tal-Artikolu 247A(2), Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kif ukoll matul l-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ghad li kellhom il-jedd li jwiddbu lil haddiehor, hargu l'barra mill-qies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(h), Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2018, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Spettur Elliott Magro, Supretendent Carmelo Bartolo, Shanaia Pace, u Marica Bugeja.

**Spettur Elliott Magro** stazzjonat l-ALE spjega li kien gie nfurmat mis-Supretendent Carmelo Bartolo li ftit tax-xhud qabel ma gie mitkellem l-Ispettur Elliott Magro, kienet infethet inkjesta dwar nuqqasijiet li kien hemm gewwa d-Dar Fra Diegu gewwa l-Hamrun, f'liema inkjesta kienu nvoluti l-ex Spettur Robert Said Sarreo kif ukoll l-Ispettur Joseph Busuttil. Fis-16 ta' Frar, 2018, l-Ispettur Elliott Magro hareg dawn l-akkuzi.

**Supretendent Carmelo Bartolo** spjega li fil-31 ta' Dicembru, 2015 ghal habta tat-8:00 p.m. il-Pulizija tal-Hamrun kienu nfurmati minn Anna Agius li l-carers ta' Fra Diegu kienu naqsu milli jixtru l-medicina ta' bintha l-minuri Nadine ta' sentejn, liema minuri kienet qeghda gewwa Fra Diegu fuq care order. Anna Agius tispjega li avolja t-tifla taghha qeghda b'care order, gieli tinghata permess li tiehu l-minuri d-dar maghha u dak inhar indunat li t-tifla kienet ma tiflahx u kellha d-deni. Kien ghalhekk li Anna Agius hadet it-tifla ghand tabib u t-tabib ghamlilha ricetta sabiex tixtri xi medicini u antibiotici, liema ricetta ghaddieta lill-Istitut Fra Diegu sabiex jixtru u jamministraw il-medicini lil minuri. Justine hija t-tifla ta' Anna Agius li ghandha hmistax-il sena u li wkoll tinsab taht care order gewwa dan l-Istitut u meta tkelmet mal-carers sabiex taccerta ruhha li l-medicini nxtraw u kienu qed jigu amministrati lill-minuri, dawn il-carers infurmawha li ma kellhomx min isuqhom sabiex imorru jixtru l-medicini u sahansitra qalulha li ma riedux imorru jixtru l-imsemmija medicini. Anna Agius marret l-Istitut Fra Diegu biex taffronta lil carers u wiehed mill-carers f'mument ta' suppervja, qabad ir-ricetta tal-medicina u tah lil Anna Agius u qalilha biex jekk trid, tmur tixtrihom hi l-medicini. Anna Agius marret l-ispizerija tal-Ajruport ta' Malta ghaliex din l-ispizerija l-iktar li ddum miftuha, izda sabitha maghluqa. Ghalhekk, marret l-Ghassa tal-Hamrun fejn sabet lil PS 827 u nfurmatu b'dak li kien qed jigri. Is-surgent nizel Mater Dei u tkellem ma xi tobba u jista' jaghti l-kaz li anke hallas xi haga tal-flus sabiex jiehu dawn il-medicini u jghaddihom lill-Istitut Fra Diegu sabiex it-tifla ta' sentejn tigi amministrata l-medicini li kellha bzonn. Anna Agius regghet marret l-Ghassa, l-ghada l-1 ta' Jannar, 2016 sabiex tirraporta li l-carers kienu aggredew lill-uliedha Rita u Justine bi squeezer. Dan il-carer irrizulta li jismu Richard u meta gie mitkellem mill-Pulizija, huwa nnega kollox u qal li anzi kienet Justine u certa Marika li aggredew lilu u li kkagunaw xi griehi hfief lil dan Richard. Fit-2 ta' Jannar, iz-ziju ta' Justine u Rita mar jarahom gewwa l-Istitut Fra Diegu u hadilhom McDonalds' meal liema ikel ma hux permess li jidhol gewwa l-Istitut. Sebastiana Simer li hija carer gewwa l-Istitut rat lil dawn iz-zewgt itfal diehlin bil-baskett tal-McDonalds u hawnhekk qam argument fejn din Sebastiana tigbed il-baskett minn naha u t-tfal jigbdu l-baskett minn naha l-ohra, fejn l-ikel spicca mal-art. It-tfal iddispjacihom hafna u ghalhekk gew fl-idejn. Kemm

Marika kif ukoll Justine sfaw xi feriti f'din il-glieda. Is-Supretendent Carmelo Bartolo jispjega li fit-2 ta' Jannar, 2016 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija, Sebastiana Simler marret l-Ghassa tal-Hamrun tfittex lis-surgent 827 sabiex tinfurmah li ma haditx pjacir li b'inizzjattiva tieghu, mar u ha l-medicina lil Nadine fil-home. PS 827 spjega lil Sebastiana Simler li, la darba omm il-minuri Anna Agius infurmatu li t-tifla kellha bzonn il-medicina, hu kien f'obbligu li jghaddilha din il-medicina. Sebastiana Agius bdiet tghid li kien se jitlala d-duluri u kienet se titlaq il'barra. PS 827 offrielha li tkellem lis-Supretendent Carmelo Bartolo u dan tal-ahhar rega' tenna l-istess affarijiet lis-sinjura Simler. Is-sinjura Simler harget mill-ufficju tas-Supretendent b'suppervja. Stante li kien hemm diversi rapporti li kienu qed isehhu xi incidenti zghar gewwa din il-home Fra Diegu, is-Supretendent hass li kellu jkellem lill-Ispettur tal-Ghassa tal-Hamrun, li dak iz-zmien kien l-Ispettur Robert Said Sarreo sabiex jaghmlu laqgha mal-Magistrat tal-Ghassa li dak inhar kienet il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera u jispjegawlha c-cirkostanzi. Il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera dehrilha li kellha tiftah inkjesta magistjerali. Fit-3 ta' Jannar, 2016, ghal habta tas-siegha u kwart ta' wara nofsinhar, is-Supretendent Carmelo Bartolo, l-Ispettur Robert Said Sarreo u l-Ispettur Joseph Busuttil regghu tkelmu ma Anna Agius, fejn din allegat illi l-impjegati tal-home kienu qed jitimghu lit-tfal mill-istess ikel ghal tlett ijiem shah biex b'hekk, uliedha kienu qed jieklu darba biss. Apparti hekk, mhux l-ewwel darba li rat il-hwejjeg ta' uliedha mahmugin. Dakinhar, giet mitkellma wkoll Justine Agius li ghandha bejn hmistax u sittax-il sena fejn din allegat u sahansitra uriet ritratt ta' platt ikel li ma kienx adegwat li jinghata lit-tfal tal-home. Apparti minn hekk, allegat ukoll li gieli nghataw hobz immuffat ghal lunch. Hija spjegat li kien hemm okkazjoni fejn care worker tat flus lil wahda mit-tfal taht care order sabiex tixtri lunch minn post iehor. Inoltre kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tfal lanqas biss inghataw lunch. Wara dawn l-allegazzjonijiet kollha, is-Supretendent ta struzzjonijiet lill-addetti tieghu sabiex jaghmlu spezzjoni fil-home fejn kien hemm prezenti Grace Blenheim u xi addetti mill-Ministeru. Il-Magistrat tal-Ghassa anke semghet xi xhieda sabiex tivverifika ghaliex tfal taht care order kienu qed jinhargu mill-home u jintbghatu lura d-dar. Il-Magistrat Inkwirenti kelmet anke lil Rita Agius li tigi oht Justine Agius fejn din qalet li anke qalghet daqqa ta' squeezer mill-carer certu Richard. Is-Supretendent Carmelo Bartolo kien kellem lil certu Sylvana Calleja li hija social worker fi hdan l-Agenzija Appogg fejn din stqarret li l-attitudni ta' Justine Agius dejjem kien korrett u wiehed gust fil-konfront taghha. Stqarret ukoll li Justine gieli kelmitha fuq il-problemi li kien hemm gewwa l-Home. Il-pulizija kelmu anke lil Roberta Vella Bonnici li hija social worker fi hdan il-Kurja fejn irrizulta li Justine Agius gieli ghamlet complaints dwar l-ikel li kien qed jigi servut gewwa l-Home kif ukoll uriet ix-xewqa taghha li ma tibqax fil-home. Sussegwentement, giet mitkellma Rachel Vella Fondacaro u nghatat id-drittijiet kollha taghha mill-pulizija. Rachel spjegat lill-pulizija li hi tokkupa posizzjoni manigerjali gewwa l-Home, izda fi zmien il-Milied, hija kienet fuq btala u ghalhekk ma kellha l-ebda ideja ta' x'kien qed jigri gewwa l-Home. Kompliet tispjega illi kienu gew xi Health Inspectors jispezzjonaw il-home, u kollox kien instab sew, u cahdet illi t-tfal ma kienx jinghatalhom lunch jew sahanistra kienu jinghataw hobz immuffat. Hija tghid li l-haddiema tal-home kienu ghenu lil Justine tnaqqas it-tipjip. Il-Pulizija flimkien mal-Magistrat Inkwirenti dehrilhom li ghandhom ikellmu lit-tfal li waqt li kienu taht care order, xorta ntbghatu lura d-dar, fejn gie mitkellem certu Dione Xuereb li wkoll ressaq l-ilmenti tieghu dwar x'jigri gewwa l-Home. Dione Xuereb stqarr li l-carers kienu jweghduh affarijiet u ma jinghatax dawn l-affarijiet, li tfal ohra kienu johorgu outings u lilu ma jiehduhx maghhom kif ukoll kien hemm okkazzjonijiet fejn lill-ohtu kienu jibghatuha skola u lilu ma kienux jibghatuh. Huwa spjega li kien hemm okkazjoni fejn kien mugugh fil-parti privata tieghu u l-carers damu xi erbat ijiem biex haduh l-isptar. Il-Magistrat Inkwirenti kelmet anke lil oht Dione Xuereb, certu Tara Jane Xuereb li ghamlet allegazzjonijiet simili. Sahansitra semmiet, li l-carers kienu jigbdu x-xaghar lil certu tfal minn certa carer jisimha Monique. Din Tara Jane Xuereb anke kkunsidrat tikkommetti suwicidju minhabba d-dwejjaq li kienet qed issofri. Il-pulizija kelmu lil certa Christabelle Borg li kienet tahdem gewwa l-home u li l-impjieg taghha gie terminat, izda ghamlet stqarrija dettaljata mal-Magistrat Inkwirenti ta' x'irriskontrat meta kienet tahdem gewwa l-Home.

**Shanaia Pace**, tispjega li hija residenti gewwa l-home Fra Diegu u Martina Xuereb, Tara Xuereb u Marica Bugeja gieli kienu jaharbu mill-home u meta kienu jaharbu kien isir rapport l-Ghassa. Hi ilha gewwa l-home ghal kawza erba' snin u taf li Rachel Vella hija l-head of care tal-home. Martina u Tara huma ahwa. Tghid li dawn it-tfajliet kienu jaharbu bi qziez u ma kellhomx ghalfejn jaharbu. Shanaia Pace tispjega li Rachel Vella kienet taghmel l-ahjar li tista' fic-cirkostanzi li kellha, bhal per ezempju kienet tohrog lit-tfal jaraw film maghha meta t-tfal ma kellhomx fejn imorru fil-weekend. Kien hemm okkazjonijiet fejn gieli tellghet lit-tfal Ghawdex flimkien ma carers ohra. Hija tikkonferma li qatt ma kienet nieqsa mill-ikel u hwejjeg u tikkonferma wkoll li t-tfal kollha kienu jigu meqjusa ndaqs. Shanaia Pace tispjega li Justine u Rita Agius huma ahwa li kienu jghixu gewwa l-home u llum il-gurnata m'ghadhomx.

**Marica Bugeja** tispjega li hija residenti gewwa l-home Fra Diegu u ilha hemm tul dawn l-ahhar seba' snin. Hija tikkonferma li Rachel Vella kienet il-head of care gewwa l-home. Marica Bugeja tispjega li Justine u Rita Agius huma ahwa u kienu jghixu gewwa l-home, kif ukoll Martina u Tara Xuereb. Hija tghid li anke lil Dione Xuereb tafu. Tispjega li hi gieli harbet mill-home ma dawn it-tfal. Tispjega li kienu jaharbu ghaliex hassew li Grace Blenheim ma kienitx manager tajba u ghalhekk iddejqu gewwa l-home. Tikkonferma li meta kien ikollha bzonn assistenza medika, il-carers kienu jcemplu ghat-tabib jew jiehduha l-clinic tal-Furjana. Tikkonferma li Rachel Vella gieli kienet tmur hdejn it-tfal u torganizza movie night, u titkellem mat-tfal u zzommilhom kumpanija. Rachel Vella kienet anke tixtrilhom ikel bhal pizza, wrap u helu.

Saret it-trattazjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

## Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz kien ta l-bidu tieghu wara li kien sar rapport fuq nuqqasijiet li kien hemm gewwa Fra Diegu Home gewwa l-Hamrun. Dan ir-rapport kienet ghamlietu certu Anna Agius minhabba li l-persuni responsabbli mill-kura tat-tfal taghha gewwa din il-Home kienu naqsu milli jixtru xi medicini. Kien ghalhekk li bdiet investigazzjoni fuq diversi aspetti ta' allegatament abbuzi li kienu qieghdin isiru gewwa din il-Home. Illi mix-xiehda dettaljata mghotija mis-Supretendent Carmelo Bartolo ta x'jfhem li kien hemm diversi nuqqasijiet maghmula minn diversi nies li jahdmu gewwa din id-dar. Illi jidher ukoll li r-rapporti kienu saru minn din Rita Agius li tigi omm it-tfal li kienu mizmuma gewwa din il-home li gew suggettati ghal xi forma ta' abbuzi fil-konfront taghhom. Illi skont l-istess xhud kienet saret inkjesta Magisterjali fejn kienu ttiehdu diversi xiehda ta' diversi persuni li kienu jahdmu gewwa din il-Home. L-unika fatt li gie msemmi fuq l-imputata mix-xhieda kollha kienet rigward (a fol 13) li hija ma kenitx taf x'kien qieghed jigri gewwa din il-Home ghalkemm kienet il-persuna responsabbli minn din il-Home. Jidher li minn din ix-xhieda kienet ittiehdet stqarrija taghha quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Illi pero jidher mix-xhieda mghotija minn zewg residenti gewwa din il-Home jaghtu stampa differenti minn dak li qal is-Supretendent Carmelo Bartolo. Shanaia Pace qalet li l-imputata dejjem imxiet maghhom sew tant li f'diversi okkazzjonijiet kienet tigi hdejhom halli joqghodu jaraw film flimkien. Fuq persuni ohra li semmew fix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo li dawn it-tfal u cioe' Martina, Tara u Marica kienu jaharbu minn gewwa din il-Home izda ma semmiet ebda abbuzi jew affarijiet ohra li kienu jigru gewwa din il-Home.

Illi wkoll xehdet Marica Bugeja li mix-xhieda taghha qalet li hija flimkien ma' Rita Agius, Tara Xuereb u Martina Xuereb kienu jaharbu flimkien minn gewwa l-Home ghax kienu jiddejqu. Illi fil-fatt meta giet mistoqsija dwar ir-relazzjoni li kellha mal-imputata qalet li kienet wahda tajba hafna u kienet torganizzalhom Movie Night halli joqghodu jaraw filmat flimkien. Illi wkoll fix-xhieda taghha semmiet li fil-fatt dejjem imxiet maghhom b'mod tajjem u kienet taghmel hekk ma' kulhadd.

**Ikkunsidrat**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk trid tifli minn dak li qal l-imputat u x-xhieda sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le.

Illi fil-verbal tal-5 ta' Marzu 2020 hareg li l-kawza giet differita sabiex jixhdu diversi minorenni u ghal gheluq provi tal-Prosekuzzjoni. Illi gara li fis-seduta ta' wara u cioe' dik tat- 8 ta' Lulju 2020, l-ufficjal Prosekutur iddikjara li qed jirremetti ruhu ghall-atti tal-inkjesta u jaghalq il-provi fejn minn hemm il-kawza giet differita ghal provi tad-difiza. Illi fil-fatt fis-seduta li kien imiss saret trattazzjoni u ma tressqu ebda provi minn naha tad-difiza.

Illi hawnhekk ghandu jinghad li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha f'Marzu tas-sena 2020. Illi fil-fatt qatt ma kienu ngiebu minorenni ohra jew persuni ohra sabiex jixhdu f'din il-kawza sabiex jigi pruvat il-kaz skont l-akkuzi li nhargu fil-konfront tal-imputata. Illi jidher ukoll li ghalkemm mix-xhieda mghotija mis-Supretendent Carmelo Bartolo kien hemm diversi refenzi ghal xi Inkjesta li kienet saret fuq l-allegati ncidenti gewwa Fra Diegu Home, pero' l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib bhala prova din l-Inkjesta. Illi anki l-istess Ufficjal Prosekutur ghamel accenn li huwa qieghed jistrieh fuq ix-xhieda mghotija fl-Inkjesta illi pero naqas milli ssir it-talba sabiex tigi esebita din l-inkjesta. Illi ghalhekk kwalunwke xhieda mghotija f'dik l-inkjesta, din il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni xi haga li ma hemmx fl-atti. Illi l-Qorti trid tistrieh fuq il-provi li ghandha quddiema. Illi ghalkemm mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo semma li l-imputata kienet giet mitkellma fil-prezenza tal-Magistrat pero prova ta' dan u x'intqal ma ngibitx quddiem din il-Qorti. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li qal l-istess xhud ghax ebda xhud iehor ma tressaq sabiex jigi stabbilit dak li ntqal fil-konfront taghha specjalmet l-atti tal-Inkjesta li qatt ma gew esebiti quddiem din il-Qorti. Illi anki mill-atti johrog bic-car li lanqas il-prova bazika li l-imputata kienet impjegata jew li kienet il-persuna responsabbli minn din il-Home. Illi pero' l-unika xhieda li tressqu kienu zewg minuri li lanqas tefghu dawl fuq xi abbuzi li setghu graw gewwa din ir-residenza li kienet tahti l-istess imputata. Illi ghandu jinghad li kien hemm kliem ta' tifhir fil-konfront tal-imputata li dejjem imxiet maghhom b'mod sew minghajr problemi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, wara li din il-Qorti rat l-artikoli 18, 226(1)(a), 247A(1), 247A(2), 339(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputata stante li ma gewx pruvati l-akkuzi fil-konfront tal-imputata Rachele Vella.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**